MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 6/1997/1

**Maria Stivala**

**Vs**

**Kummissarju ta' l-Art**

Il-Bord,

1. Ra r-rikors,

F' liema rikors Maria Stivala qed tesponi bir-rispett:-

Illi hija kienet propjetarja ta' porzjon art f'Tas-Saghjtar, Limiti ta' Naxxar li fiha kejl ta' circa sitt itmien u liema art hija indikata fuq il-pjanti dokumenti B U C annessi ma dan ir-rikors.

Illi permezz tal-ittra ufficcjali tal-25 ta' Lulju 1984, l-esponenti giet informata mill-intimat li dina l-art

giet meqjusa bhala ‘building development area’ a tenur tal-Att Numru 1 ta’ 1983.

Illi wara l-imsemmija dikjarazzjoni, l-art giet mehuda mill-intimata, assenjata fi plots u mibjugha lill diversi persuni u l-propjeta giet zviluppata.

Illi l-esponenti qatt ma inghatat plot mill-propjeta in kwistjoni ghalkemm il-ligi kienet taghti l-fakulta’ li hija jkollha dritt ghal-plot, minkejja li kienet applikat ghal-wiehed.

Illi l-esponenti qatt ma giet kkompensata ghal-propjeta li giet hekk espropriata.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens xieraq u opportune pagabbli lill-esponenti that dawk il-provedimenti li l-Qorti jidhrula xierqa.

Ra n-nota tal-Kummissarju ta’ l-Arijiet.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra li r-rikorrenti giet notifikata b’dak mehtieg mill-ligi.

Ra li l-intimat mhux qed jikkontesta t-titolu tar-rikorrenti.

Ra d-digriet tieghu (diversament ppresedut) fejn gew mahtura periti teknici l-A.I.C. David Pace u l-A.I.C. Joseph M. Jaccarini.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti fejn l-art in kwistjoni giet stmata hames t’elef lira Maltija (LM 5,000) wara li hadu in konsiderazzjoni valuri ta’ oqsma simili fl-istess inhawi, liema relazzjoni ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jilqa’ it-talba tar-rikorrenti u wara li jiddikjara li r-rikorrenti ghanda jedd ghal art imsemmija kif deskritta fuq il-pjanti dokumenti B u C mehmuza ma dan ir-rikors, jiffissa l-

kumpens dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta’ hamest’ elef lira Maltija kif regolat mill-1 ta’ l-1983 u l-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att 1 ta’ l-1983 gie mibdul wara li ittiehdet l-art bl-Att X tal-1988 u bl-Att 1 tal-1992) u jikkundanna lil-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta’ hamest’ elef lira Maltija bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-esprojprijazzjoni u billi hu xieraq jordna li isir b’att pubbliku u ghal dan il-ghan jahtar lil-Dr Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l-att relattiv fid-09 ta’ Dicembru 2004 fid-09.00 am fl-ufficcju ta’ l-intimat u jahtar lid-Dottoressa Charmaine Zammit sabiex tidher fuq l-att ghall-kontumaci. L-ispejjez ta’ din il-procedura u tal-pubblikazzjoni jithallsu mill-intmat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------